**15 ta' Ottubru, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. A. Gauci Maistre, LL.D.**

Giuseppe Falzon

*versus*

Innocenzo Borg et.

**Subasta — Komunjoni ta' l-akkwisti — Amministrazzjoni tal-beni tal-komunjoni — Pubblika merkantessa — Art. 1266 (1), 1362 (1), 1373 (1) tal-Kodiċi Ċivili tal-Kummerċ — Art. 254 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Waqt iż-żwieġ l-amministratur tal-beni akkwisti huwa r-raġel, li quddiem terzi jista' jagħmel minnhom daqs li kienu ħwejġu.*

*Il-mara miżżewġa li teżerċità l-kummerċ bil-kunsens ta' żewġha*

*mela tobbliga ruħha mingħajr il-kunsens ta' żewġha, tobbliga wkoll ir-raġel għal dawk li huma beni ta' bejniethom.*

Il-Qorti, rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur — wara li ppremetta *illi b'digriet tal-erbgħa (4) ta' Frar, 1960,* dina l-Qorti (fuq rikors tal-konvenuti Borg u Muscat kontra l-konvenuta Falzon) ordnat il-bejgħ in subasta tal-fond 71, High Street, Zejtun u dan biex il-konvenuti Borg u Muscat ikunu jistgħu jitħallsu tal-krediti tagħhom li huma allegaw li kienu esegwibbli derivanti minn żewġ kuntratti tal-ħamsa u għoxrin (25) *ta' Ġunju, 1953* u *tas-sittax (16) ta' Diċembru, 1954;* u li fil-kuntratti fuq imsemmija kienet dehret bħala debitriċi l-konvenuta Falzon (li kkwalifikat ruħha bħala pubblika merkantessa) u li l-ittra uffiċjali li biha l-konvenuti jallegaw li rrendew esegwibbli l-imsemmija kuntratti kif ukoll ir-rikors tas-subasta saru biss in kontestazzjoni tal-konvenuta Falzon; u li l-konvenuta Falzon qatt ma kienet pubblika merkantessa u qatt ma ġiet awtorizzata mill-attur teserċità l-kummerċ jew li tikkostitwixxi ruħha debitriċi fl-imsemmija żewġ kuntratti; u li l-imsemmi fond (71, High Street, Zejtun) huwa proprjetà tal-attur; u li għalhekk l-imsemmija kuntratti ma humiex esegwibbli kontra l-attur u speċjalment ma humiex esegwibbli fuq l-imsemmi fond li huwa proprjetà tal-attur; — talab li, għar-raġunijiet fuq premessi (1) jiġi deċiż u dikjarat illi l-konvenuta Falzon qatt ma kienet pubblika merkantessa u qatt ma ġiet awtorizzata mill-attur taddivieni għall-imsemmija żewġ kuntratti; (2) jiġi deċiż u dikjarat illi l-imsemmija żewġ kuntratti in atti Dottor Salvatore Abela tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju, 1953 u tas-sittax (16) ta' Diċembru, 1954, ma humiex esegwibbli kontra l-attur; u (3) tiġi revokata l-esekuzzjoni tas-subasta ordnata bl-imsemmi degriet tal-erbgħa (4) ta' Frar, 1960, fuq l-imsemmi fond 71, High Street, Zejtun. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Innocenzo

Borg u Carmelo mart Joseph Muscat li biha eċċipew:

(1) Illi l-kreditu tal-eċċipjent huwa esegwibbli fuq il-proprjetà tal-komunjoni tal-akkwisti — jekk hemm — u in difett fuq il-proprjetà tal-attur;

Omissis;

Tikkunsidra illi mill-provi rriżulta illi l-konvenuta Falzon b'żewġ kuntratti tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju, 1953, u tas-sittax (16) ta' Diċembru, 1954 (fol. 7, 9) kienet ikkostitwiet ruħha debitriċi ta' Gio Maria Borg awtur tal-istanti fl-ammont ta' £350 għall-prezz ta' inbid mixtri minnha mis-sena 1942 u f'£150 in kwantu għal £134.5.0 prezz ta' inbid fornit lilha matul l-aħħar sena u nofs, u in kwantu għad-differenza għall-imgħax fuq flus oħra lilha mislufa ċioè fuq il-£350 fuq imsemmija. Fiż-żewġ kuntratti Giuseppa Falzon ikkwalifikat ruħha bħala femina mercatrix u dehret mingħajr assistenza ta' żewġha. B'ittra uffiċjali tat-tnax (12) ta' Jannar, 1960 (fol. 5) l-atturi interpellaw lill-istess Giuseppa Falzon għall-ħlas ta' dawn il-krediti u b'hekk irrendewhom esegwibbli kontra tagħha, u b'rikors tat-tlieta (3) ta' Frar, 1960, huma talbu l-bejgħ in subasta tal-fond 71, High Street, Zejtun, li kif stqarru fir-rikors jappartienu lilha flimkien ma' żewġha, u l-Qorti laqgħet it-talba: dan ir-rikors sar biss kontra Giuseppa Falzon, bħal ma kienet saret kontra Giuseppa Falzon l-ittra uffiċjali tat-tnax (12) ta' Jannar, 1960: l-attur la kien parti u inqas ma ġie notifikat b'din il-proċedura.

L-attur għamel din l-azzjoni biex jottieni r-revoka tal-esekuzzjoni tas-subasta ordnata bid-digriet tal-erbgħa (4) ta' Frar, 1960, għar-raġunijiet illi l-mara tiegħu qatt ma kienet pubblika merkantessa u qatt ma ġiet awtorizzata teżerċità l-kummerċ jew tikkostitwixxi ruħha debitriċi fl-imsemmija kuntratti; illi l-attijiet fuq imsemmija (ittri uffiċjali interpellatorji

u rikors *tas-subasta) kienu saru* biss in kontestazzjoni tal-mara tiegħu, u peress illi l-fond li kien sejjer jiġi subastat kien proprjetà tiegħu.

Fis-seduta tal-ħdax (11) ta' Novembru, 1960 (fol. 15) il-partijiet qablu illi l-fond imsemmi fiċ-ċitazzjoni jappartieni lill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn l-attur u l-mara tiegħu billi ġie akkwistat fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ġunju, 1916 in atti G.C. Chapelle.

Hija liġi espressa illi in pendenza ta' żwieġ l-amministratur tal-beni akkwisti huwa r-raġel, li quddiem terzi jista' jagħmel minnhom daqs li kieku kienu ħwejġu (art. 1362 (1) ap. 23) u dan skond il-prinċipju magħruf illi r-raġel "vivit uti dominus, moritur uti socius". Hija liġi wkoll illi l-mara miżżewġa li teżrċità l-kummerċ bil-kunsens ta' żewġha meta tobbliga ruħha mingħajr il-kunsens ta' żewġha, tobbliga wkoll ir-raġel għal dawk li huma beni ta' bejniethom (Art. 13 Kap. 17). *Kif hu responsabbli anke r-raġel bil-beni tal-komunjoni*, jekk l-obbligazzjoni tal-mara tkun saret bil-kunsens tiegħu (Art. 1373 (1) Kap. 23).

Sa hawn ma jistax ikun hemm kuntrast bejn il-partijiet, kif fil-fatt ma hemmx. Il-kuntrast jibda għaliex l-attur isostni illi l-mara tiegħu qatt ma kienet pubblika merkantessa, u qatt ma kellha l-konsens biex tidher fuq iż-żewġ atti tal-Kostituzzjoni ta' debitu fuq imsemmija, fil-waqt illi l-konvenuti Borg u Muscat *igħidu illi l-attur missu talab illi l-kuntratti jiġu an*nullati, ħaġa però li anqas jista' jagħmel għaliex hu prekluż bid-dekorriment tat-terminu kontemplat fl-artikolu 1266 (1) tal-Kodiċi Ċivili;

Tikkunsidra illi għalkemm saru provi dwar jekk il-konvenuta Giuseppa Falzon kienitx pubblika merkantessa jew le, il-Qorti għandha tara qabel xejn jekk beni tal-komunjoni jis-

tgħux jiġu subastati mingħajr ma d-"dominus" tagħhom ikun parti *in kawża. Din hija kwistjoni ta' proċedura illi għandha* tiġi riżoluta qabel il-kwistjoni fil-meritu għaliex anke jekk il-Qorti kellha tasal għall-konklużjoni illi l-mara tal-attur kienet pubblika merkantessa jew obbligat ruħha bil-kunsens ta' żewġha, tibqa' l-kwistjoni jekk il-bejgħ tal-fond imsemmi appartenente lill-komunjoni jistax isir jew le.

Fis-sistema leġislativ tagħna kuntratt dwar dejn ċert, likwidu u skadut u li ma jikkonsistix f'esekuzzjoni ta' fatt, jekk ikun riċevut minn Nutar Pubbliku jew uffiċjal ieħor pubbliku awtorizzat, hu titolu esekutiv daqs sentenza jew digriet tal-Qorti jekk ikun preċedut mill-interpellazzjoni kontemplat fl-art. 254 (2) Kod. Proċ., u huwa elementari wkoll u paċifu illi hija nulla dik is-sentenza li tkun ġiet mogħtija mhux in kontestazzjoni tal-partijiet kollha interessati. Minn dan tinżel il-konsegwenza illi jekk qatt l-attur għandu jirrispondi bil-beni tal-komunjoni għad-dejn magħmul mill-mara tiegħu, l-attijiet relativi għad m'humiex esegwibbli kontra tiegħu għaliex m'humiex preċeduti mill-ittra uffiċjali kontra tiegħu, u r-rikors tas-subasta sar kontra Giuseppa Falzon li m'hiex ħlief soċja ta' fond li quddiem it-terzi jiddisponi biss minnu l-attur żewġha.

Omissis.